# KAN. CHEV. VINCENT BUHAGIAR

F'din il-ħarġa tal-Programm tal-Festa flok is-soltu kitba, li b'ħerqa u mħabba lejn S Elena u art twelidu, kien jikteb Dun Viċens, illum niktbu dwaru. Fit-13 ta' Marzu, il-minġel tal-mewt ħasdu minn fostna u l-komunita' tal-parroċċa tilfet wieħed mill-benefaturi modesti tagħha, mhux għax ismu hu mnaqqax f'waħda mill-bażi tal-pilastri tal-Bażilika. Hu kien maħbub mill-Kollegi tiegħu, minn sħabu l-oħra s-saċerdoti, mis-superjuri, saħansitra minn sieħbu tal-kors l-Arċisqof Emmanuel Gerada. Dan f'ittra ta' kondoljanzi mill-Pakistan lill-familjari kitbilhom li sieħbu Censu "died as quietly as he always lived".

Imwieled f'B'Kara, fis-7 ta' Lulju 1917, iben Gużeppi Buhagiar u Ġiovanna Vella, Dun Vinċens ġie mrobbi flimkien ma' ħafna ħutu fil-biża t'Alla. Hu ssokta l-istudji tiegħu fis-Seminarju ta' l-Arċisqof (1929-43) u flimkien ma' kuġinuh il-Kan. Kantur Vincens Ciappara ġie ordnat presbiteru mill-Arċisqof Gonzi (1-8-43). F'Settembru ta' wara ġie magħżul Kanoniku tal-Kolleġġjata Elenjana li tant ħabb u qeda minn qalbu b'eżempju għal ħaddiehor. Mingħajr ħafna ħsejjes, Dun Vinċens, bħala Ministru t'Alla u qaddej tal-poplu, jistħoqqlu li jitqies bħala bniedem li għamel il-ġid. Il-karattru teigħu kien imżejjen bi kwalitajiet sbieħ, bħal sens ta' ottimiżmu, kalma, altruwiżmu, bżulija u jispira fiduċja f'dawk li jkollhom kuntatt miegħu. Ma naħsibx li ma kellux effett ukoll fuqu l-motto tal-Kumpannija ta' Gesu' (li mal-membri tagħha għadda tant snin) fuq ħidmietu li jattribwixxi kollox "għall-akbar glorja t'Alla u għall-ġid ta' l-erwieħ."

## Il-Ħidma tiegħu

Fil-qasam ta' l-apostolat, Dun Vinċens kien assenjat li jqaddes kuljum fis-Santwarju tal-Ħerba kmieni filgħodu, f'ħin komdu għal dawk il-ħaddiema li jisimgħu il-quddies qabel jibdew ix-xogħol. Lilu dan ukoll kien jiffaċilitalu l-ħin biex ikun preżenti għar-reċita korali ta' kuljum tal-Liturġija tas-Sigħat. Hu kien assidwu f'dan it-talb, fil-funzjonijiet liturġiċi, purċissjonijiet, jattendi f'funerali ta' dawk li jitolbu l-attendenza tal-qassisin fl-aħħar tislima tal-kadavru tagħhom, fil-laqgħat kapitulari u f'kull attivita' oħra tal-kapitlu. Mhux ta' b'xejn li wara 40 sena ta' ħidma f'dan il-qasam, hu ġie ddikjarat kanonku ġjubilat. Dun Vinċens kien premuruż li jkun preżenti għall-qrar kull Sibt u lejliet festi oħra u kull darba li jkun mitlub. Fil-qasam tax-xandir tal-kelma, għalkemm ma jitqiesx bħala predikatur ta' fama skond kif iqisuh il-bnedmin, Dun Vinċens ma ħarab ebda okkażjoni biex iwassal kelmet il-Mulej fil-Qrar, fl-Omeliji tal-Ħdud u f'oqsma oħra f'għaqdiet reliġjużi u ċiviċi.

Sa minn ftit ġimgħat wara l-Ordinazzjoni, hu ġie msejjaħ biex ikun membru mat-teaching staff tal-Kulleġġ San Alwiġi, immexxi mill-Patrijiet Ġiżwiti, fejn għal 35 sena dam jgħallem lil diversi studenti (li ġew minn kull strata tas-soċjeta'), il-

matematika, suġġett li ħalla effett fuq il-karattru metodiku tiegħu. Dun Vinċens jidher li ħalla togħma tajba fuq il-moħħ u l-qalb ta' l-istudenti tiegħu. Ħarsa lejn il-parteċipanti fil-funeral tiegħu, fosthom l-istess Prim Ministru ta' Malta, hi xhieda biżżejjed. Hu ġie mogħti mill-Kulleġġ tal-Ġiżwiti l-midalja benemerenti "for long and outstanding service (1964).

Iżda t-tagħlim ma kienx l-uniku xogħol li wettaq. Hu kien chaplain tal-Moviment tal-Malti sezzjoni B'Kara (1947-8) tal-B'Kara Boys Scouts (1945-53), Direttur Spiritwali tas-Socjeta' Filarmonika S Elena (1948-88) u għal 30 sena Assistent Ekklesjastiku tal-Fergħa Xebbiet ta' l-Azzjoni Kattolika (1948-78). Alla biss jaf il-ġid li twettaq u għandna kull tama li qed igawdi l-frott tal-ħidma li f'din l-art ma setax jara fil-milja tagħha.

Iżda, kif jgħidu, ix-xogħol salmura tal-ġisem. Meta minħabba saħħtu kellu jnaqqas jew jiddiversifika l-ħidma tiegħu, biex ma jibqax b'idejh marbuta, hu sab okkażjoni biex ikun eżaminatur tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma. Hu kien iħejji l-iscripts għal quiz fuq il-ħajja ta' S. Elena u l-Bażilika, fuq il-Madonna u s-Santwarju tal-Ħerba, u kien ikun fl-aqwa tiegħu bħala judge jew biex jagħti tagħrif ieħor lis-semmiegħa. Allura issa, f'din il-fażi ta' ħajtu, meta sab ruħu xi ftit ħieles minn ħidma impenjattiva, barra l-quddiesa tal-ħin, li warajha kien spiss ikun mistieden jagħmilha ta' gwida ma' xi turisti li jinzertaw iżuru l'Bażilka), Dun Vinċens ta' ruħu għal xogħol ta' riċerka fil-Mużew tal-katedral fuq visti Pastorali ta' l-Isqfijiet fuq dokumenti antiki u kiteb diversi kitbiet fuq Birkirkara u S Elena. Fil-mawra tiegħu fl-Awstralja (biex iżur lil niesu) ma naqasx li jagħmel kuntatti mal-membri karakariżi ta' St. Helena Maltese Australian Social club ta' N. Melbourne. Jingħad li hu kellu wkoll ħobby li jnaqqax fil-ġebla Maltija xbihat u oġġetti ta' folkore.

Fit-28 ta' Ġunju 1986 l-Ordni Sovran u Militari ta' San Gwann ta' Ġerasulem, ħatar "kavallier kommendatur kappillan bid-drittijiet u l-privileġġi kollha" lil Dun Vinċens. L-investitura saret fis-7 ta' Settembru 1986, fil-knisja ta' Santa Ursola, Valletta.

Bħal kull bniedem ieħor seta' kellu n-nuqqasijiet tiegħu. Min hu wara kollox bla difett? Iżda t-tajjeb hu ta' min jimitah.

J'Alla fuq l-eżempju tiegħu ħafna minn dawk li telgħin jagħtu ruħhom għal xogħol ta' riċerka dwar dak li hu tajjeb, sabiħ, ta' ħtieġa, u xi darba sseħħ il-ħolma li teżisti fil-qlub ta' bosta li f' B'Kara jinġabru f'mużew adattat dawk il-ħwejjeġ li bħalhom isebbħu l-mużewijiet ta' rħula oħra, forsi bi storja u b'riżorsi anqas minn dawk ta' beltna (kif kien iħobb isejħilha kuġinuwi Ġuż. Dimech Debono) li minn ħdanha ħarġu persunaġġi li għamlulha ġieħ f'kull qasam tal-ħajja.

**a.m.b.**